Cit Nru:

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

**Illum 08 ta' Gunju, 2001.**

**Cit nru452/93**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**Michael Agius u**
**Theresa Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati u dan talli:

1. **Michael Agius** f'dawn l-ahhar tnax il-xahar f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda kien komplici ta' serq ta' diversi affarijiet tad-dar minn diversi hwienet ghad-detriment ta' diversi persuni.

2. F'dawn l-ahhar tnax il-xahar fil-Hamrun laqa ghandu hwejjeg misruqa mehdua b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. Kiser il-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ma jaghmilx reat iehor fi zmien 24 xahar moghtija lilu fit-13 ta' Mejju 1992 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla B.

U lill **<u>Theresa Agius</u>** talli f'dawn l-ahhar tnax il-xahar fil-Hamrun laqghet ghandha hwejjeg misruqa, medhua b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol 124 u 125 tal-atti) li permezz taghha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) a bazi tal-istess kumpilazzjoni <u>fil-konfront ta' Michael Agius biss</u> taht dak li hemm mahsub fl-artikoli;

a) 18, 42, 261 (c) (e) (f), 267, 269 (g), 270, 20, 279 280 (1) (2), 281 (a) (b), u 533 tal-Kodici Kriminali, u fl-Artikolu 10 tal-Kapitolu 152 u

b) 18, 334(a) u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-Artikolu 10 tal-Kapitolu 152.

<u>U fil-konfront ta' Theresa Agius biss fl-Artikoli:</u>

a) 18, 334 (a) tal-Kodici Kriminali.

U iddecieda li jibghat lill-istess imputati sabiex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputati.

Ghamlet dak mitlub minnha fl-istess nota a fol 125 ibid.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni ghal din il-procedura.

Rat il-verbali kollha minn fol 137 tal-atti specjalment dak a fol 159 tal-istess atti minn fejn jidher li l-akkuzati xtaqu **<u>jammettu</u>** il-htija taghhom in rigward l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif premess l-akkuzati **<u>ammettew</u>** minghajr eccezzjoni jew rizerva l-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti in ezami fil-qosor, huma is-segwenti:

Fid-19 ta' Frar, 1993 Brian Agius, hu, minorenni, tal-akkuzat Michael Agius, kien informa lill-pulizija li l-istess akkuzat "kien igieghlu jisraq" u ir-refurtiva kienet tinsab fir-residenza taghhom u ta' omm l-akkuzat f'147 Triq Brighella fil-Hamrun. Difatti waqt tfittxija li saret f'din ir-residenza instabu diversi oggetti esebiti in atti bhala Dok WSY u elenakati a fol 13 u 14 u 38 tal-atti u fotografati a fol 79 ibid.

L-istess oggetti gew elevati fuq informazzjoni moghtija mill-istess minorenni. Sussegwentement l-akkuzati gew interrogati u rrilaxxaw l-istqarrijiet li jinsabu annessi a fol 21 u 22 tal-atti mmarkati Dok WS1 u Dok WS2.

Hawnhekk l-akkuzata stqarret li kienet pienament konsapevoli li t-tfal taghha Brian Agius u Michael Agius kienu jgibu fid-dar taghha oggetti misruqin waqt li l-istess Michael Agius kien stqarr li kien jibghat lil huh, Brian, sabiex dan jisraq l-oggetti hawn fuq imsemmija ghal motiv imsemmi fl-istess stqarrija.

In oltre irrefera ukoll ghal fatt li hu kien issottometta ruhu ghal kura psikjatrika.

Ikkunsidrat

Illi jigi nnotat ukol li l-istess oggetti gew stmati LM412 (fol 122 ibid) u li l-prosekuzzjoni esebit kopja ta' sentenza imsemmija fl-akkuzi fil-konfront ta' Michael Agius minn fejn jidher li dan l-akkuzat kien tpogga taht ordni ta' probation in konessjoni ma' serq kwalifikat u ricettazzjoni ghall-perjodu ta' 24 xahar (sentejn) mit-13 ta' Mejju 1992 (ara fol 69 u 71 u 134 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi a bazi ta' dak kollu premess jidher li Theresa Agius ghandha tinstab hatja ta' ricettazzjoni bhala reat kontinwat u Michael Agius hati ta' komplicita f'serq kontinwat u kif kwalifikat u ta'

ksur ta' ordni ta' probation izda mhux ta' ricetazzjoni ghal ragunjiet ovvji.
Ghal dawn il-motivi il-Qorti, filwaqt li ssib lill-akkuzat Michael Agius mhux hati tal-akkuza ta' ricetazzjoni u tilliberah minnha, issib lill-istess akkuzat Michael Agius hati talli:

1. F'dawn l-ahhar tnax il-xahar f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, kien komplici ta' serq ta' diversi affarijiet tad-dar minn diversi hwienet ghad-detriment ta' diversi persuni.

2. Kiser il-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ma jaghmilx reat iehor fi zmien 24 xahar, moghtija lilu fit-13 ta' Mejju 1992 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla B.

U dan skond l-artikoli 18, 42, 261 (c) (e) (f), 267, 269 (g), 270, 20, 279, 280 (1) (2), 281 (a) (b) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-akkuzata Theresa Agius hatja talli:

1. F'dawn l-ahhar tnax il-xahar fil-Hamrun laqghet ghanda hwejjeg misruqa, medhua b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tieghhom jew tmexxihom, u dan skond l-Artikoli 18 u 334 (a) tal-istess Kodici Kriminali.

In rigward piena, gew konsiderati l-fedini penali rispettivi tal-akkuzati ( fol 23 sa 26 tal-atti) oltre fil-konfront ta' Michael Agius il-ksur tal-Ordni ta' probation hawn fuq imsemmija, pero ghandu jigi kkunsidrat li hawnehkk, trattasi ta' familja problematika, bl-akkuzat sikwit jissottometti ruhu ghal kura psikjatrika.

Jidher evidenti li f'dan il-kaz, fejn ir-refurtiva kollha jidher li nstabet, li piena karcerarja ma hiex rakkommandabbli, izda jkun opportun li jigi applikat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 gtal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-akkuzat Michael Agius ghat-tieni darba.

Ghalhekk il-Qorti tordna li z-zewg akkuzati jitpoggew taht l-annessa ordni ta’ “probation” li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Inoltre il-Qorti tordna li l-akkuzati ihallsu, ‘in solidum’ bejnithom, l-ispejjes kollha in konnessjoni ma’ nomina ta’ esperti waqt dawn il-proceduri a bazi tal-artikolu 533 gia citat.

Alan Calleja
Deputat Registratur                                        Vera Kopja

Ghar-Registratur.